MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 668/2004

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Roger Scotto**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, sitt mija tlieta u tmenin lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm2683.47) rappresentanti ammont mill-konvenut dovut in konnessjoni ma' servizz telefoniku bin-numru 21806556 (skond kif jirrizulta mid-Dok A anness mal-avviz) liema servizz gie stallat fil-fond Rosenkranz, Triq iz-Zinja, Santa Lucija u dana kif jirrizulta mid-Dok B.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz u ta' l-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-28 ta' Frar 2005 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm2683.47,0 bl-imghax legali mis-26 ta' Awissu 2004 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkusi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Awissu 2004, annessa mal-atti a fol 5 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------